**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 8 ta' Ġunju, 2023**

**Talba Nru: CCT20/23/DS**

**Edwige Ghio**

**Vs**

**Solo Optical Ltd.**

## It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fit-13 ta' Frar, 2023 fejn talbet illi tingħata lura d-depozitu fl-ammont ta' mitejn Ewro (€200) illi hija kient ħallset għal nuċċali bil-lenti *varifocal* ordnat mingħand is-soċjeta' intimata wara illi meta marret tirtiraħ u pruvatu bdiet tara kollox sfukat. Is-*salesperson* ma ppermettietx illi l-attriċi tieħu l-imsemmi nuċċali għand it-tabib tagħha sabiex tiċċekkjah mingħajr ma tħallas għalieh. L-attriċi ma xtaqetx tagħmel dan u talbet li tiġi rifuża d-depożitu pero' s-soċjeta' intimata m'aċċettatx.

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ la intavolat risposta u lanqas deher rappreżentant tagħha biex jippreżenta l-pużizzjoni tagħha waqt dawn il-proċeduri. Stante illi ma ġietx ppreżentata risposta s-soċjeta' intimata ġiet meqjusa kontumaċi.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti bil-ġurament.

## Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attriċi ħallset mitejn Ewro depożitu (€200) fl-1 ta' Diċembru, 2022 lis-soċjeta' intimata Solo Optical. Mix-xhieda tal-istess attriċi joħroġ

ċar illi kien hemm xi żball minn naħa tal-imsemmija soċjeta' intimata meta eżegwiet l-ordni għaliex meta pruvat in-nuċċali l-attriċi bdiet tara mżelleġ u sfukat meta mhux biss hija ilha aktar minn 35 sena tilbes l-istess tip ta' lenti ta' nuċċali iżda meta marret għand ħaddieħor u ordnat l-istess nuċċali bl-istess preskrizzjoni malli pruvatu setgħet tara perfettament.

Illi s-soċjeta' intimata la ntavolat risposta u lanqas bagħtet rappreżentant tagħha sabiex jagħti x-xhieda tiegħu w'għaldaqstant il-verżjoni tal-attriċi m'hija bl-ebda mod kontradetta. Barra minn hekk il-verżjoni tal-attriċi hija korroborata min evidenza dokumentarja illi ma tħalli l-ebda dubbju f'moħħ dan it-Tribunal illi l-imsemmi depożitu ġie mħallas minnha.

Illi l-attriċi ġustament qalet illi s-soċjeta intimata qaltilha li l-alternattiva li kellha kienet illi tieħu n-nuċċali għand it-tabib illi kien għamlilha l-preskrizzjoni tan-nuċċali sabiex jiċċekkjah pero' dan biss wara li jsir il-ħlas tan-nuċċali. L-attriċi anki offriet illi tkun is-soċjeta' intimata illi tieħu n-nuċċali biex jiġi eżaminat jekk hija ma kienetx fdata tagħmel dan qabel isir il-ħlas.

Dan it-Tribunal jħoss illi dak illi l-attriċi talbet lis-soċjeta' intimata kien ekwivalenti għal talba għal sostituzzjoni sabiex in-nuċċali jinġieb in konformita' mal-ordni illi hija għamlet, dritt tutelat bil-liġi taħt Artikolu 75 tal-Kap 378 – l-Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur. L-istess artikolu jgħid espressament illi l-konsumatur m'għandux ikun marbut li jħallas għall-użu normali tal-oġġett matul il-perjodu qabel is-sostituzzjoni w'għaldaqstant kienet ġusta r-reazzjoni tal-attriċi meta rrifjutat illi tħallas qabel man-nuċċali jkun sostitwit.

Illi t-Tribunal ulterjorment jinnota illi s-soċjeta' intimata lanqas biss irrispondiet għat-talbiet attriċi u lanqas attendiet għas-seduti b'diżrispett totali lejn il-klijenta tagħha kif ukoll lejn dan it-Tribunal. Dan l-aġir ikkawża inkonvenjent ċar lill-attriċi illi kellha tmur għand l-MCCAA u finalment tirrikorri għand dan it-Tribunal biex tieħu dak illi kien bid-dritt tagħha u jkun inġust illi dan jgħaddi inosservat.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti provat il-każ tagħha suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tagħha għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' intimata tirrifondi s-somma ta' mitejn Ewro (€200) f'depożitu

lill-attriċi kif ukoll tikkundanna lill-istess soċjeta' tħallas is-somma ta' erbgħin Ewro (€40) lill-istess attriċi bħala danni morali għall-inkonvenjenza li kkawżatilha sakemm għamlet nuċċali ġdid u minħabba l-iskariġġ sabiex tieħu d-drittijiet tagħha meta l-istess soċjeta' intimata lanqas uriet interess fil-proċeduri.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**